



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Marzu 2024
(OR. en)

6514/24

LIMITE

ENER 69
ATO 6
POLCOM 51
FDI 13

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni tal-irtirar tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta' ...

**dwar l-approvazzjoni tal-irtirar tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 101, it-tieni paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija ("l-ECT") ġie konkluż mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Komunità") permezz tad-Deċizzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom¹, u daħal fis-seħħ fis-16 ta' April 1998.
- (2) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe aġġornament sostanzjali tal-ECT mis-snin 90, l-ECT sar dejjem iktar antikwat.
- (3) Fl-2019, il-Partijiet Kontraenti għall-ECT ("il-Partijiet Kontraenti") daħlu f'negozjati bl-għan li jimmodernizzaw l-ECT, biex jallinjawh mal-prinċipji tal-Ftehim ta' Pariġi², mar-rekwiżiti tal-iżvilupp sostenibbli u mal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, kif ukoll ma' standards moderni tal-protezzjoni tal-investiment.
- (4) Matul Konferenza ad hoc fl-24 ta' Ġunju 2022, il-Partijiet Kontraenti laħqu ftehim fil-prinċipju dwar it-test modernizzat, u b'hekk ikkonkludew in-negozjati, mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni finali mill-Partijiet Kontraenti. L-eżitu nnegozjat kellu jiġi adottat fit-33 laqgħa tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija (il-"Konferenza") fit-22 ta' Novembru 2022.

¹ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom tat-23 ta' Settembru 1997 rigward il-konklużjoni, mill-Komunitajiet Ewropej, tat-Trattat fuq il-Karta tal-Enerġija u l-Protokoll tal-Karta tal-Enerġija dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-aspetti ambjentali relatati (ĠU L 69, 9.3.1998, p. 1).

² ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

- (5) Qabel il-laqgħa tal-Konferenza, il-Komunità ma adottatx pożizzjoni dwar il-modernizzazzjoni tal-ECT.
- (6) Fin-nuqqas ta' pożizzjoni tal-Komunità, il-Komunità ma tistax tivvota dwar l-adozzjoni tal-ECT modernizzat fil-Konferenza.
- (7) B'konsiderazzjoni ta' dan ta' hawn fuq, jenħtieġ li l-Komunità tirtira mill-ECT. F'konformità mal-Artikolu 101, it-tieni paragrafu, tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, id-deċiżjoni dwar l-irtirar għandha tittieħed mill-Kummissjoni soġġett għall-approvazzjoni tal-Kunsill.
- (8) Diversi Stati Membri esprimew l-appoġġ tagħhom għall-emendi proposti għall-ECT u indikaw l-intenzjoni tagħhom li jibqgħu Partijiet Kontraenti, soġġett għall-modernizzazzjoni tiegħu. Jenħtieġ li daww l-Istati Membri għalhekk jitħallew, permezz ta' deċiżjoni separata tal-Kunsill, japprovaw jew ma jopponux il-modernizzazzjoni tal-ECT fil-Konferenza li ser tadotta dik il-modernizzazzjoni.
- (9) Skont l-Artikolu 47(1) tal-ECT, Parti Kontraenti tista' tagħti notifika bil-miktub tal-irtirar tagħha mill-ECT lid-Depożitarju tal-ECT, jiġifieri r-Repubblika Portugiża. Skont l-Artikolu 47(2) tal-ECT, dan l-irtirar jidħol fis-seħħ mal-iskadenza ta' perjodu ta' sena mid-data li fiha d-Depożitarju jirċievi n-notifika.
- (10) Jenħtieġ li l-irtirar tal-Komunità mill-ECT jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-irtirar tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija huwa b'dan approvat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
